# Iż-Żewġ Knejjes tal-Patrijiet Karmelitani u Membri ta' l-Ordni Ġerosolimitan ta' San Ġwann Battista fil-Belt Valletta tul is-Snin 1570-1680

P. Felician Bezzina O. Carm.

## Il-Knejjes Karmelitani

Fir-rapport dwar iż-żjarat appostoliċi, fid-diversi parroċċi u knejjes tal-gżejjer Maltin, magħmula mid-Delegat Appostoliku Monsinjur Pietru Dusina, tħalla miktub illi meta żar il-Belt Valletta *l-Illustrissimu Monsinjur għamel żjara lill-knisja-parroċċa ta' Santa Marija tal-Karmelu fejn jgħixu l-Patrijiet Karmelitani; ħdejn din il-knisja kienet qiegħda tinbena knisja ġdida.*[1]

F'għadd kbir ta' attestati ta' professjonijiet reliġjużi tal-kavallieri, din il-knisja-parroċċa Karmelitana tnizzlet, kemm qabel kif ukoll wara d-19 ta' Frar 1575 – data taż-żjara ta' Monsinjur Dusina fil-knisja tal-Karmelitani, bħala *sacellum* – kappella jew oratorju. Dan it-titlu jew isem baqa' jingħata kważi dejjem, sas-sena 1586, jiġifieri sa meta nbniet il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu skond il-pjanta ta' Ġlormu Cassar.



Ritratt tal-kwadru tal-Madonna tal-Morda. Imħolli fil-kunvent fis-17 ta' Novembru 1589 mit-Terzjarja Karmelitana Cassandra Rodudena.

Matul il-perjodu 1571-1586 fit-taqsima tal-*Libri Bullarum* riservata għall-kitba tal-professjonijiet tal-kavallieri, ma naqsux xi *amanwensi* li għoġobhom isejħu dan l-oratorju (*sacellum*) li fih ikunu ġew iċċelebrati dawn il-professjonijiet, bl-isem ta' *knisja tal-Lunzjata* (it-titular ta' l-Oratorju jew knisja-parroċċa) jew ta' *knisja tal-Karmelitani*.

Il-knisja li l-Viżitatur Appostoliku Mons. Dusina ra, nhar id-19 ta' Frar 1575, qiegħda tinbena ħdejn il-knisja-parroċċa (l-oratorju tal-Lunzjata), tlestiet mill-bini, kif wieħed jasal jikkonkludi fuq bażi ta' dokumenti notarili, fis-sena 1586.[2]

Il-kelma *knejjes* tinkludi għaldaqstant kemm il-knisja-oratorju tal-Lunzjata, kif ukoll il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu li nbniet fis-snin 1574 u 1586. Fil-*Libri Bullarum* (1571 sa l-1586) tal-Gran Mastri tal-Kavallieri ta' San Ġwann, jissemma kważi dejjem *sacellum (oratorju/kappella) Annutiationis* u minn wara s-sena 1586 niltaqgħu dejjem ma' l-isem *fil-knisja tal-Karmelitani* bħala l-post fih inżammu l-professjonijiet tal-kavallieri f'Malta.

Iż-żewġ volumi *Liber Introitus* u *Liber Exitus* (kotba tad-dħul u tal-ħruġ) tal-kunvent Karmelitan Valletta li t-tnejn huma tas-snin 1587 sa l-1614, minn xi ftit tas-snin ilu ġew ridotti fi stat tali li wieħed ma jistax jagħmel użu minnhom għal xi riċerka ta' dokumenti ta' dik l-epoka. L-informazzjoni li P. Serafim Abela O. Carm. laħaq ħa minnhom dwar il-bini tal-knisja ddiżinjata minn Ġlormu Cassar, qiegħda tkun riferita hawnhekk.[3] *Minn dak inhar (1 ta' Novembru 1574 meta ħareġ il-permess mingħand l-Isqof għall-bini tal-knisja u tal-kunvent Karmelitani fil-Belt) inbeda wkoll ix-xogħol tal-bini tal-knisja l-ġdida u jiċċita 'Liber Exitus 1587-1614 fl.6 li kienikkonservat fl-Arkivju tal-kunvent Karmelitan Valletta. Sa l-aħħar tas-sena 1591 ix-xogħol tal-ġebel kien lest.* (ib.ff. 49-101)

## L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta

Il-qasam tar-relazzjonijiet li l-Kavallieri Ospedaljieri ta' San Ġwann Battista kellhom mar-reliġjużi Karmelitani tal-Belt Valletta mis-sena 1570 sas-sena 1680 huwa wieħed limitat hafna, mhux tant fil-persuni involuti daqskemm fil-varjetà ta' l-attivitajiet konċernati. Barra minn għadd ġmielu ta' professjonijiet reliġjużi ċċelebrati mill-kavallieri jappartjenu lil-lingwi jew prijorati kollha



*Wieħed mill-iktar kalċijiet tal-fidda antiki li għandu s-Santwarju huwa ta' P. Majjistru Thomas Saliba O. Carm. Ii miet fl-1684, b'hekk dan il-kalċi hu ta' bejn l-1624-34. Fl-epoka ta' dan l-artiklu.*

rappreżentati, f'dak iż-żmien, f'Malta, rari wieħed jiltaqa' ma' xi konnessjonijiet oħra bejniethom (kavallieri u Karmelitani). Mir-riċerka li saret dwar dan is-suġġett, jirriżulta infatti li dawn il-kuntatti twettqu f'medda ta' snin permezz ta' xi donazzjoni; ta' kostruzzjoni edilizja; ta' fundazzjonijiet f'quddies



*L-isem ta' taħt ta' dan il-kalċi Fr. M. Thomas Saliba O. Carm.*

u funzjonijiet sagri.

Ta' min f'dan l-istdju jagħmel żewġ osservazzjonijiet: (a) it-tagħrif miġbur fil-qosor dwar il-ħafna traskrizzjonijiet elenkati fil-*Libri Bullarum* tal-Gran Mastri ta' l-epoka msemmija (1570-1680) tal-professjonijiet reliġjużi li nżammu f'xi waħda miż-żewġ knejjes Karmelitani fil-Belt qiegħed jingħata wkoll bħala informazzjoni tixħet ftit dawl fih wieħed ikun jista' *jara* ż-żmien relatat mat-tmiem ta' l-użu tal-kappella tal-Lunzjata jew mal-bidu li fih il-knisja Karmelitana bdiet, għax tlestiet mill-bini tagħha, tintuża għall-funzjonijiet sagri. (b) Il-persuni, membri ta' l-Ordni tal-Kavallieri f'Malta, li kellhom xi relazzjoni, tip ta' dawk li diġà ssemmew, mal-Karmelitani tal-Belt Valletta, okkupaw karigi u pożizzjonijiet diversi fl-istess istitut reliġjuż u militari tagħhom: wieħed dik ta' Gran Mastru; ħafna, il-grad ta' kavallier; wieħed serva bħala kappillan maġisterjali u l-ieħor imsieħeb bħala *donat*.

Fid-dawl ta' din l-istqarrija xieraq li tingħata ftit informazzjoni dwar l-Ordni Ospedaljier ta' San Ġwann Battista u l-membri tiegħu.

L-approvazzjoni ekklesjastika ngħatatlu fis-sena 1113 mill-Papa Paskal II (1099-1118). Beda jiġi strutturat fi tliet kategoriji ta' membri: kavallieri, kappillani u suldati. L-uffiċji prinċipali fi ħdan l-Ordni jitwettqu mill-kavallieri; il-kappillani kellhom l-kompitu li jagħtu s-servizz liturġiku; is-suldati ddaħħlu bħala għajnuna fis-servizz militari tal-kavallieri.[4]

Monsinjur Achille Ferris, meta jitratta dwar l-Ordni Ġerosolimitan f'Malta jikteb illi l-kavallieri ta' dan l-Istitut Sovran huma raggruppati f'żewġ klassijiet: (i) tal-ġustizzja – dawk li wara l-professjoni solenni tagħhom jistgħu jokkupaw uffiċċji u dinjitajiet fl-Ordni tagħhom; (ii) ta' devozzjoni – membri mxierka fih b'titlu sempliċi ta' unur.

Barra dawn iż-żewġ kategoriji l-



*Kalċi ieħor iktar elaborat kien ta' P. Pietro Antonio Ollevier id-data 1698, skond il-bolla tal-fidda jidher li sar għall-ħabta ta' l-1650.*



*Il-firma ta' min kien il-Kalċi P. Pietro Antonio Ollevier O. Carm.*

Ordni Ospedaljier ta' San Ġwann iħaddan fih kappillani *di grazia magisteriale* inkarigati mis-servizzi liturġiċi kbar fl-istess Ordni. Imsieħba oħra magħrufa bħala *donati* jew *mezze croci di giustizia o di devozione*.[5]

Il-wasla f'Malta ta' dawn il-kavallieri seħħet fis-26 ta' Ottubru



Waħda mit-tliet karti ta' Glorja li kienu saru għall-artal maġġur għall-ħabta ta' l-1610 skond il-bolla tal-fidda – Ta' l-epoka ta' dan l-artiklu.

1530. Il-Gran Mastru flimkien mal-Kunsill tiegħu u l-kavallieri l-oħra għażlu joqogħdu fil-Birgu fejn baqgħu għall-erbgħin sena, meta Fra(ter) Pietro del Monte, is-seba' Gran Mastru li nħatar f'Malta, fost ċerimonji u festi solenni, daħal, nhar it-18 ta' Marzu 1571, fil-Belt il-Ġdida Valletta.[6]

## Il-Gran Mastru Pietro del Monte (1568-72)

Tul il-ħakma tiegħu, il-Patrijiet Karmelitani kellhom żewġ okkażjonijiet fejn huwa wera ġenerożità partikolari magħhom. Il-Karmelitan Patri Ġwann Vella, bħala delegat tal-Provinċjal, xtara biċċa art fil-Belt il-Ġdida biex fuqha jibni l-kunvent u l-knisja ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Mal-firma tal-kuntratt ħallas nofs il-prezz (33 skud) bil-wegħda li n-nofs l-ieħor jagħtih fiż-żmien stipulat. Ħmistax il-ġurnata wara li dan il-Gran Mastru daħal fil-Belt Valletta ffirma digriet (3 ta' April 1571) bih ta grazzja lill-Patrijiet Karmelitani biex ma jħallsux it-33 skud li għad kellhom jagħtu. Ġimgħatejn wara (19 ta' April 1571) bl-istess sentimenti ta' grazzja u benevolenza, il-Gran Mastru Del Monte ordna li jintraddu lura l-flus li P.Ġ. Vella ħallas mal-firma tal-kuntratt li sar bejnu u bejn il-kavallieri nhar il-25 ta' Lulju 1570.[7]

Permezz ta' din is-somma ta' flus flimkien ma' oħrajn li setgħu ġemmgħu jew li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, komplew itellgħu l-oratorju tal-Lunzjata, il-kunvent u xi djar oħra: dawn infatti tlestew sa l-aħħar tas-sena 1571.[8]

## L-Arkitett Ġlormu Cassar 1520-86

Waqt l-iffirmar tal-kuntratt tax-xiri ta' l-art biex fuqha jinbnew il-kunvent u l-knisja tal-Patrijiet Karmelitani, flimkien ma' Patri Ġwann Vella u mal-kavallieri membri tal-kummissjoni inkarigata mill-bejgħ tas-siti fil-Belt Valletta, kien preżenti wkoll Ġlormu Cassar *magister architector* – il-perit prinċipali. Ma laħqux għaddew ħafna ġranet mill-iffirmar tal-kuntratt imsemmi, li Ġlormu Cassar inħatar flok l-arkitett Taljan Francesco Laparelli: fis-7 ta' Awissu 1570 il-perit Malti Cassar beda direttament jieħu ħsieb tal-bini fil-Belt il-Ġdida Valletta.[9]

Kemm il-*magister architector* ta sehmu, fis-sens li ppreżenta l-pjanta tal-kunvent Karmelitan imsemmi fil-kuntratt li għalih huwa attenda, s'issa ma nstabx imniżżel f'xi kitba dwar dan il-każ speċjali. Darba, iżda l-arkitett Cassar assista waqt il-kuntratt għax-xiri ta' l-art fejn kellu jittella' l-kunvent, il-patrijiet ma naqsux li jqabbdu lilu jagħmlilhom il-pjanta tal-kunvent, wisq aktar, ta' min itenni, meta Ġlormu Cassar irċieva l-inkarigu *ad invigilandum extructionem civitatis Vallettae* – biex jissorvelja l-bini tal-Belt Valletta.[10]

Iżda l-pjanta tal-knisja, diġà fil-kuntratt imsemmi trid tkun iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, ħarġet minn id il-Perit Ġlormu Cassar. Fi żmien il-Gran Mastru de la Cassiere (1572-1581) tniżżel fir-reġistru ta' l-Ordni Ġerosolimitan illi l-Malti Ġlormu Cassar huwa l-arkitett tal-Belt Valletta kif ukoll igawdi l-unur ta' *donat* jew *confrater* tar-Reliġjon ta' l-Ordni Ospedaljer ta' San Ġwann; arkitett u inġinier mis-sena 1565 sat-18 ta' April 1581. Matul il-kostruzzjoni tal-Belt Valletta ħadem mill-qrib ma' l-inġinieri mibgħuta mir-Re ta' Spanja. Iddisinja s-seba' palazzi, imsejħa bereġ, tas-seba' lingwi; i l-palazz maġisterjali tal-Gran Mastru; il-knisja maġġuri konventwali ta' San Ġwann Battista; il-knejjes partikolari, jiġifieri l-knisja parrokkjali ta' San Pawl, ta' Portu Salv, tal-Karmnu, ta' Santu Wistin u ta' Santa Marija ta' Ġesù.[11]



Fl-isfel ta' karta tal-Glorja l-arma tal-Karmnu bla stilel kif kienu f'dak iż-żmien.

## L-Oratorju Karmelitan tal-Lunzjata, Valletta

L-oratorju (*sacellum*) beda jintuża bħala knisja parrokkjali sa qabel l-aħħar tas-sena 1570. Il-qassis dun Teramo Balzan, ingħata mill-Kapitlu tal-Katidral, l-uffiċċju sabiex jamministra uffiċjalment il-pastorali f'din il-knisja tal-Lunzjata fil-Belt il-Ġdida. Il-Vigarju Ġenerali ta' dak iż-żmien, fl-assenza ta' l-Isqof ta' Malta, f'mandat miktub minnu, ordna li titħallas somma ta' flus lis-saċerdot Dun T. Balzan bħala kumpens għall-inkomodu tiegħu fl-amministrazzjoni tas-sagramenti u għaż-żejt li jinxtegħel quddiem is-santissimu Sagrament fil-knisja-parroċċa tal-Belt Valletta għax-xahar mibdi fl-20 ta' Diċembru 1570.[12]

## Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta

Il-knisja li l-patrijiet tagħna kellhom fil-Belt qabel ma bnew il-knisja preżenti (1956-1981), bdiet tiffunzjona sa mis-sena 1586. Mibnija fuq pjanta ta' Ġlormu Cassar, din il-knisja ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, insibuha, mis-sena 1586, diġà mtellgħa ta' lanqas f'dak li jirrigwarda l-bini tal-ġebel, hekk li fiha bdew isiru regolarment il-professjonijiet reliġjużi tal-Kavallieri ta' San Ġwann Battista.[13]

Nhar it-28 ta' Ġunju 1588 waħda sinjura fissret il-fehma tagħha f'kuntratt, li tindifen fil-knisja tal-Patrijiet Karmelitani.[14]

It-Terzjarja Karmelitana Cassandra Rodudena f'testment iddatat 17 ta' Novembru 1589, fost affarijiet riedet li wara mewtha tingħata lill-knisja ta' l-Imqaddsa Marija ta' l-Għolja tal-Karmelu Valletta, immaġni argentata tal-Madonna sabiex titqiegħed fuq l-artal tal-knisja msemmija, iddedikat lill-Ispirtu s-Santu.[15]

L-istess knisja Karmelitana kellha fis-sena 1590 artal iddedikat lill-Imqaddsa Verġni Marija hekk illi fis-16 ta' Awissu 1590, Gensima Calleja niżżlet fit-testment tagħha li jingħataw 20 skud lill-Patrijiet Karmelitani bl-obbligu li jqaddsu kull xahar żewġ quddisiet fuq l-artal imsemmi għall-maħfra ta' dnubietha u għas-salvazzjoni ta' ruħha.[16]



L-Ostensorju li sar għall-purċissjoni ta' l-1622, xi żidiet tad-deheb saru iżjed tard.

## Pjanta Globali

Meta l-Patrijiet Karmelitani bdew jibnu fil-Belt il-Ġdida segwew pjan globali: fuq pjanta ta' kostruzzjoni totali. Il-kumpless iħaddan kunvent, oratorju u knisja, mill-ewwel tqis li jkun disinjat skond pjan unitarju hekk illi jiġbor dawn it-tliet opri edililizji.

Malli xtraw l-art, nhar 27 ta' Lulju 1570, ħasbu li jtellgħu l-kunvent fejn tkun tista' tgħix il-komunità tal-patrijiet u wkoll bnew dar għas-saċerdot mibgħud mill-Katidral. Diġà saret riferenza għall-att nutarili ta' Frar 1576 fejn tniżżel li ftit tas-snin qabel din id-data inbena monasteru Karmelitan, jiġifieri x'aktarx għall-aħħar tas-sena 1571.[17]

L-oratorju, iddedikat lil-Lunzjata, mibni bejn it-tarf tal-kunvent li minn Triq il-Punent (San Mikiel) kien jasal sal-kantuniera ma' Triq Tijatru (is-Salvatur) sal-plot (sit) fejn riedu jibnu l-knisja ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, (li l-bieb prinċipali kien fi Triq is-Salvatur (Triq it-Tijatru) u l-ġenb tagħha fi Triq San Bastjan (Triq Zekka)) beda jiġi ffunzjonat sa minn Diċembru 1570. Bnew dan l-oratorju b'mod proviżorju: sakemm titlesta l-knisja tal-B.M.V. tal-Karmnu: fatt li seħħ fis-sena 1586.

F'medda ta' erba' snin (1570-1574) beda għaldaqstant ikun attwat b'mod progressiv il-kumpless kollu kompost minn bini ta' tliet postijiet kontinwi għal xulxin: kunvent, oratorju, knisja.

Darba aċċettat li l-Patrijiet Karmelitani mxew skond dan il-pjan, jirriżulta li dan il-proġett sħiħ twettaq fuq pjanta waħda ddisinjata mill-arkitett Ġlormu Cassar. Diġà ntwera fiż-żgur li dan il-perit Malti fassal il-pjanta tal-knisja Karmelitana fil-Belt li nbniet bejn 1574 u 1586. F'din il-prospettiva wieħed jista' liberament jikkonkludi li l-pjanta tal-kunvent Karmelitan għamilha huwa wkoll. Fatt dan li jkompli jsaħħaħ ir-relazzjoni li l-Patrijiet Karmelitani żammew fi spirtu ta' kollaborazzjoni mad-*donat* ta' l-Ordni tal-Kavallieri l-arkitett Malti Ġlormu Cassar.

## Il-Gran Mastri u l-Professjonijiet tal-Kavallieri fil-Knejjes Tagħna

Matul il-mitejn u tmienja u sittin sena li l-Ordni Ġerosolimitan ta' San Ġwann dam imexxi l-gżejjer Maltin, inħatru b'kollox tmienja u għoxrin Gran Mastru. Ħdax minnhom jissemmew f'dan l-artiklu – dawk li ggvernaw tul is-snin ta' bejn 1570 u 1680: mill-Gran Mastru (G.M.)


Waħda mill-4 lanterni tal-fidda li saru għall-purċissjoni ta' l-1622.

Pietro del Monte sa G.M. Nikola Cotoner. F'din il-lista ma jissemmiex il-G.M. Annette de Clermont (1660) – fi żmienu ma tinstab irreġistrata l-ebda professjoni fil-knejjes Karmelitani.

Xahar wara li Gran Mastru del Monte daħal, nhar it-18 ta' Marzu 1571, biex joqgħod fil-Belt il-Ġdida Valletta, xi Kavallieri ta' San Ġwann ippreferew, minn postijiet sagri oħra, li jiċċelebraw il-professjoni reliġjuża tagħhom fl-oratorju Karmelitan tal-Lunzjata.[18] Dan seħħ għall-ewwel darba nhar is-16 ta' April 1571. Kull kanċillier li ħa ħsieb jirreġistra l-professjonijiet tal-kavallieri sas-sena 1586 dejjem inqeda b'din il-formula: *in sacello divae Mariae Virginis Annuntiationis Carmelitarum sacro in civitate Vallettae sito – fl-oratorju mqaddes tal-Beata Verġni Marija ta' l-Annunzjazzjoni li jinsab għand il-Karmelitani tal-Belt Valletta*. (Ara ir-riferenza n.18.)

F'medda ta' għaxar xhur – mit-18 ta' Marzu 1571 sal-25 ta' Jannar 1572, li G.M. del Ponte mexxa l-Ordni Ospedaljier mill-Belt il-Ġdida, saru tmintax-il professjoni tat-tliet wegħdiet reliġjużi mill-membri ta' dan l-Ordni Militari u Reliġjuż: kollha barra waħda ċċelebrawhom tul is-sena 1571.

L-akbar għadd ta' dawn il-professjonijiet mill-Kavallieri ta' San Ġwann insibuh fiż-żmien li fih il-Gran Mastru Jean de la Cassiere (1572-81) mexxa dan l-Ordni f'Malta: ilaħħaq madwar mitejn professjoni, dejjem dawk li saru fl-oratorju tal-Lunzjata. It-tieni l-akbar numru ta' dawn il-professjonijiet huwa rreġistrat fil-*Libri Bullarum* ta' żmien il-G.M. Hugo Loubenx de Verdalle (1582-92): kważi ħamsin professjoni mill-membri ġodda ta' dan l-Ordni ta' San Ġwann. Matul il-wieħed u għoxrin sena (1636-1657) fl-ogħla uffiċċju fl-Ordni tal-Kavallieri Ospedaljieri f'Malta, ta' Fra(ter) Jean Paul Lascaris, ġew imniżżla aktar minn tmienja u ħamsin professjoni tal-kavallieri ta' l-istess Ordni. Ftit inqas mill-istess numru msemmi, niltaqgħu miegħu fil-*Libri Bullarum* meta l-kavallieri f'Malta kellhom bħala kap tagħhom lil Fra(ter) Alof de Wignacourt (1601-1622). Sakemm baqa' jiggverna bħala Gran Mastru Martin Garzes (1595-1601) tlieta u tletin kavallier ipprofessaw fil-knisja tal-Karmelitani Valletta. Fiż-żmien tal-Gran Mastri l-oħra sas-sena 1680 l-għadd tal-professjonijiet reliġjużi mill-membri ta' l-Ordni ta' San Ġwann baqa' jonqos dejjem iżjed sa ma kważi ntemmu.

## Il-Kavallieri ta' San Ġwann u l-Professjonijiet Tagħhom fil-Knejjes Karmelitani

Il-perjodu bejn is-snin 1571 u 1680, li fih il-professjonijiet reliġjuzi tal-Kavallieri ta' Malta ġew iċċelebrati fiż-żewġ knejjes Karmelitani Valletta, jista' faċilment jinqasam f'żewġ meddijiet ta' żmien: l-ewwel waħda tkopri ħmistax-il sena (1571-1586); it-tieni medda tħaddan firxa ta' 94 sena (1586-1680).

Fl-ewwel perjodu (1571-1586) il-qarrej tal-*Libri Bullarum* tal-Gran Mastri ta' din l-epoka, isib illi għadd ġmielu ta' Kavallieri ta' San Ġwann Battista għażlu jipprofessaw it-tliet wegħdiet reliġjużi tagħhom fil-kappella tal-Lunzjata tal-Karmelitani Valletta. Kulħadd min irreġistra dawn il-professjonijiet f'xi *Liber Bullarum* ipprefera li jagħti titlu differenti lill-kappella msemmija: *in sacello divae Mariae del Carmino*; *in sacello Beatae Mariae Virginis Carmelitarum* jew ukoll tiltaqa' ma' din l-espressjoni: *in ecclesia divae Mariae Virginis Carmelitarum*.

Sistema li segwewha sa l-1586: minn din is-sena 'l quddiem, it-tliet voti li l-Kavallieri ta' Malta għażlu jipprofessaw għand il-Patrijiet Karmelitani fil-Belt, baqgħu dejjem jitniżżlu li saru *fil-knisja tal-Verġni Mqaddsa Marija tal-Karmelitani mibnija fil-Belt Valletta*. Minn dan il-fatt jirriżulta illi din il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu tlestiet fis-sena 1586, hekk li bdiet tintuża għall-funzjonijiet sagri.[19]


L-arma tal-Karmnu kif kienet dak iż-żmien.

Ta' min hawnhekk jirrapporta din il-ġrajja storika. L-oratorju tal-Lunzjata, bil-Latin *sacellum Annuntiationis*, baqa' jkun ippreferut minn xi membri ta' l-Ordni Ġerosolimitan biex fih jiċċelebraw il-professjoni reliġjuża tagħhom anke li dan l-oratorju ma kompliex iservi ta' knisja-parroċċa.

Wara servizz ta' tnax-il sena – minn Diċembru 1570 sa Diċembru 1582, perjodu fih taw is-servizz tagħhom it-tmien kappillani inkarigati mill-Kapitlu tal-Katidral, Imdina[20] s-sagrament ġie trasportat għal għand il-knisja ta' San Pawl Nawfragu: *Meta ntemm, f'Diċembru 1582 il-bini tal-knisja (San Pawl Nawfragu) s-saċerdot fil-kariga telaq mill-knisja tal-Karmelitani u ħa l-pussess tal-parroċċa l-ġdida li kienet tiddependi direttament mill-knisja katedrali tal-belt Notabile, is-sede ta' l-Isqof tal-Gżira.*[21]

L-għadd ta' professjonijiet li l-Kavallieri ta' San Ġwann żammew fl-oratorju (*sacellum*) tal-Lunzjata bejn is-snin 1571-1586 huwa bejn wieħed u ieħor daqs l-għadd ta' dawk li saru fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu matul is-snin 1586-1680, jiġifieri madwar mitejn professjoni f'kull wahda minn dawn iż-żewġ knejjes Karmelitani. U dan minkejja li bejniethom it-tnejn teżisti differenza kbira fil-għadd ta' snin: l-oratorju-parroċċa tal-Lunzjata dam jintuża bħala post għall-professjonijiet għal ħmistax-il sena, waqt li knisja tal-Madonna tal-Karmnu serviet għall-istess skop għal ftit aktar minn disgħin sena. Ta' min jinnota illi l-knisja Karmelitana mibnija fuq pjanta ta' Ġlormu Cassar, li bdiet tinbena fis-sena 1574, tlestiet tnax-il sena wara, iżda f'dak li jirrigwarda l-istruttura essenzjali tagħha, dak li llum nistgħu nsejħulu *art u saqaf*. Tant huwa hekk li maż-żmien uħud mill-kappelli tagħha bdew jiġu attrezzati b'artali u ornamentati bi skultura minn diversi familji u personalitajiet distinti, li dwarhom jissemmew 'il quddiem x'uħud minnhom.

Il-Kavallieri ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann f'Malta li għażlu jistqarru pubblikament it-tliet wegħdiet reliġjużi tagħhom f'dawn il-knejjes Karmelitani, ġew minn diversi prijorati u lingwi, fihom ikkostitwixxa ruħu strutturalment l-Ordni msemmi: il-kavallieri Franċiżi kienu jappartjenu lill-Prijorat ta' Franza; lil-Lingwa ta' Provence, ta' Acquitaine, ta' Auvergne; il-kavallieri Spanjoli mill-Prijorat tal-Portugall, ta' Kastilja, Legionis, ta' Catalogna, il-Prijorat Navarra u ta' Castiglia Emposte; il-kavallieri Ġermaniżi mill-Prijorat ta' Alemagna u tal-Bohemia; it-Taljani mil-Lingwa Taljana u mill-Prijorat ta' Campagna.

L-akbar numru ta' kavallieri li pprofessaw fil-perjodu 1570-1680 f'xi waħda miż-żewġ knejjes Karmelitani ġie mill-Prijorati Spanjoli: aktar minn mitejn kavallier; it-tieni l-akbar numru huwa tal-kavallieri Taljani: aktar minn disgħin; il-kavallieri Ġermaniżi telgħu ftit iżjed minn sebgħin; waqt l-inqas numru, wieħed u erbgħin, huwa tal-kavallieri Franċiżi. Fost l-erba' prijorati ta' Peninsula Iberika, l-aktar li pprofessaw fil-knejjes Karmelitani Valletta ġew mill-Prijorat ta' Katellanja Emposte: mija u tlieta u sittin.

Ħarsa lejn is-snin li fihom il-kavallieri żammew dan ir-rit sagru fil-wegħdiet tagħhom fi knisja tal-patrijiet tagħna, iġġib quddiem il-qarrej dan il-fatt: l-għadd ta' dawn il-professjonijiet beda jonqos mill-knejjes Karmelitani tal-Lunzjata u tal-Madonna tal-Karmnu, hekk kif l-Ordni Ospedaljier ta' San Ġwann Battista kien jibni u allura jlesti l-knejjes tiegħu: il-knisja konventwali maġġuri ta' San Ġwann u knejjes żgħar oħra annessi mad-diversi bereġ tal-kavallieri fil-Belt.

L-aħħar professjoni mill-kavallieri Franċiżi, li saret fil-knisja Karmelitana, iċċelebrawha nhar it-8 ta' Frar 1593 il-kavallieri tal-berga ta' Auvergne allura fi żmien il-Gran Mastru Franċiż De Verdalle (1582-1595). Il-knisja konventwali ta' San Ġwann ġiet ikkonsagrata fl-20 ta' Frar 1578. Fiha l-kavallieri Franċiżi kellhom tliet kappelli: San Bastjan (berġa ta' Auvergne); San Mikiel Arkanġlu (berġa ta' Provence); ta' San Pawl (berġa ta' France). Fis-snin 1571-78 il-professjonijiet mill-kavallieri Franċiżi fl-oratorju tal-Lunzjata tal-Karmnu laħqu madwar tletin waħda; waqt matul il-perjodu ta' ħmistax-il sena (1578-93) għandna mniżżlin, fil-Libri Bullarum, tmien (8) professjonijiet reliġjużi.

F'dawn l-istess reġistri uffiċjali ta' l-Ordni Ġerosolimitan, li fihom tniżżlu diversi ġrajjiet li seħħu fis-snin 1571-1680, niltaqgħu ma' aktar minn disgħin reġistrazzjoni ta' professjonijiet reliġjużi tal-kavallieri Taljani kemm fl-oratorju tal-Lunzjata kif ukoll fil-knisja tal-Karmnu fil-Belt Valletta. L-akbar għadd tagħhom sar tul erba' snin: proprju sakemm tlesta l-bini tal-knisja ta' Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra magħrufa bħala Santa Catarina d'Italia, knisja li baqgħet dejjem preferita minn dawn il-kavallieri għal din iċ-ċerimonja reliġjuża tagħhom.

Il-ħames prijorati tal-Kavallieri Ospedaljieri ta' San Ġwann Battista, li kellhom il-prijorati tagħhom fil-peninsula Iberika (Spanja u Portugall) qegħdin hawnhekk ikunu kkunsidrati, f'sens wiesgħa, f'żewġ raggruppamenti: (a) il-Prijorati tal-Portugall, ta' Catalonia, ta' Navarra u ta' Castiglia Legionis; (b) il-Prijorat ta' Castellanja Emposte.

Diversi kavallieri ta' l-ewwel raggruppament ippreferew li jipprofessaw il-voti reliġjużi tagħhom fi knisja Karmelitana fil-Belt Valletta u dan sas-sena 1612. Il-membri ta' l-Ordni Militari ta' San Ġwann jappartjenu lill-Prijorat ta' Castiglia Legionis, għażlu, wara d-

data msemmija, li jiċċelebraw il-professjoni tal-voti tagħhom fil-knisja ta' San Ġakbu Appostlu li tlestiet proprju fis-sena 1612.

Malli l-Prijorat ta' Castiglia Emposte kellu, fis-sena 1670, il-knisja tiegħu, il-funzjonijiet tal-professjonijiet tal-kavallieri ta' din il-prijorat bdew jinżammu fil-knisja msemmija, iddedikata lill-Madonna tal-Pilar: l-istess titlu marjan li kellha l-kappella tagħhom fil-knisja tal-Karmnu l-Belt.

L-aħħar professjoni li l-kavallieri tal-Prijorat tal-Bohemia ffesteġġjaw fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu ġġib id-data ta' l-4 ta' Diċembru 1605; waqt li l-aħħar professjoni reliġjuża mill-membri tal-Prijorat ta' Alemagna, li nżammet għand il-Patrijiet Karmelitani, tinsab reġistrata fil-*Liber Bullarum* tal-Gran Mastru De Paule fl-24 ta' Ġunju 1632.[22]

Ir-raġuni li għaliha l-professjonijiet reliġjużi tal-kavallieri f'medda ta' ħmistax-il sena (1571-1586) waslu jkunu fil-għadd daqs dawk li saru tul erbgħa u disgħin sena (1586-1680) toħroġ minn din is-sitwazzjoni. F'din l-aħħar medda ta' snin inbnew, fil-belt kapitali, diversi knejjes u kappelli: b'hekk ingħatat għażla kbira tal-postijiet sagri fejn il-professanti setgħu jmorru jiffesteġġjaw din il-funzjoni reliġjuża tagħhom.

Dwar ir-relazzjoni tal-kavallieri mal-knejjes Karmelitani f'Valletta ta' min jinnota illi din il-konnessjoni (li l-imsemmi grupp kbir ta' kavallieri, 'il fuq minn erba' mija kellu ma' l-Oratorju tal-Lunzjata u mal-knisja tal-Madonna tal-Karmnu) svolġiet ruħha fuq bażi ta' utilità temporanja u okkażjonali: għamlu użu minnhom għal waqt il-professjoni tat-tliet wegħdiet reliġjużi. Attività ta' din ix-xorta ġiet imsejħa *relazzjoni* fis-sena wiesgħa tagħha: dawn il-kavallieri kellhom x'jaqsmu (relazzjoni) mal-Karmelitani għax iddeċidew li jagħmlu użu mill-knejjes ta' dawn il-patrijiet bħala lokal sagru adatt għall-funzjoni sagra ta' professjoni reliġjuża. Użu ta' ftit sigħat li fih, kif wieħed għandu jifhem, il-Karmelitani, responsabbli għall-ħidmiet ekklezjali li jinżammu fit-tempji tagħhom, ħassewhom onorati kif ukoll sodisfatti, bl-għoti ta' xi kontribuzzjoni finanzjarja jew b'xi donazzjoni ta' xi rikordju bihom min ipprofessa xtaq juri rrikonoxxenza u r-ringrazzjamenti tiegħu.

## Il-Kavallieri Individwali u l-Knejjes Karmelitani tal-Belt

Min-naħa l-oħra, il-membri ta' l-Ordni Militari tal-Kavallieri ta' San Ġwann Battista, li kellhom relazzjni aktar impenjattiva u li ħalliet riżultati iżjed effettivi u li damu jitgawdew għal ħafna żmien, f'dak li jirrigwarda liz-żewġ knejjes tagħna, jingħaddu fuq is-swaba' ta' id waħda.

1. L-ewwel fost dawn jissemma' l-**Kavallier Kommendatur Fra(ter) Gerolamo De Foses**. Nota qasira fil-Gabreo tgħid[23] illi nhar is-7 ta' Awissu 1593 il-Patrijiet Karmelitani kkonċedew, permezz ta' kuntratt magħmul quddiem in-Nutar Ascanio Scaglia, il-kappella ddedikata lill-Madonna tal-Pilar lil dan il-Kavallier de Foses; waqt f'att nutarili ieħor[24] tniżżel li dan il-kommendatur ta' Kastellanja Emposte rranġa u sebbaħ bi spejjeż tiegħu din il-kappella tal-Verġni Mqaddsa Marija tal-Pilar li tinsab fin-naħa tax-xellug ta' min jidħol fil-knisja. Din il-kappella baqgħet tkun magħrufa bħala tali, sas-sena 1796-98 meta l-artal tagħha ddedikawh lil Santa Tereża ta' Ġesù[25]. Il-Kommendatur de Foses ħalla wkoll diversi fundazzjonijiet ta' quddies għal ruħu u għall-erwieħ tal-kavallieri tal-Prijorat ta' Kastellanja Emposte.

   *Il-kwadru tal-Madonna tal-Pilar, li kellha din il-kappella, huwa ta' Mattia Preti u huwa wieħed mill-isbaħ kwadri. Presentament jinsab fil-ġenb ta' l-artal ta' San Ġużepp li jagħti għas-sagristija. Fil-kappella tal-Pilar kienu jiffunzjonaw il-kavallieri Kastiljani ta' l-Ordni ta' San Ġwann u kienu jinġemgħu għad-devozzjonijiet kollha tagħhom għax il-kappella kienet meqjusa bħala tagħhom.*[26]

   Ta' min ifakkar li f'din il-kappella tal-Pilar bdew isiru, sa mis-7 ta' Jannar 1596, il-professjonijiet tal-kavallieri ta' Kastilja Emposte sas-sena 1670 li fiha nbniet il-knisja bl-istess titular li kellha fil-knisja tal-Karmnu.

2. Fid-deskrizzjoni li Patri Lawrenz Sammut O. Carm. jagħti dwar id-diversi artali u kappelli fil-knisja Karmelitana mibnija fuq pjanta ta' Ġlormu Cassar, meta jittratta mill-kappella ddedikata lil Marija Mħabbra mill-Anġlu Gabriel, jikteb, fost affarijiet oħra, li kienet patronat tal-familja Cagliola.[27]

   F'kopja, traskritta nhar il-21 ta' Marzu 1665 mill-oriġinal konservat fit-tieni ktieb ta' *Sproprjamenti* tal-veneranda Lingwa ta' Franza u depożitat fil-*comun tesoro* fl.107, tniżżel illi **r-Reverendu Kommendatur Fra(ter) Cagliola, kappillan konventwali**, tal-venerandu Prijorat ta' Campagna, ried li jesproprja ruħu minn kull ma jipposjedi; għalhekk ordna u ried fost dispożizzjonijiet u ordnijiet oħra, li jkun denn li jindifen fil-knisja ta' Santa Marija tal-Karmelu; li jħalli, ta' kull sena, tnax-il skud lill-

Patrijiet Karmelitani ta' Malta sabiex jixegħlu lampier lill-Madonna Annunzjata li hu għandu fil-knisja tagħhom u jagħmlulha festa li tinkludi għasar, quddiesa bil-mużika; sitt quddisiet baxxi għal ruħu u għall-oħrajn li jsemmi fl-att ta' donazzjoni. Ordna li ta' kull sena l-werrieta tiegħu jħallsu 18-il skud lill-kappella tal-Lunzjata fil-knisja tal-Karmelitani, Valletta, sabiex jinżamm id-dekor fl-istess kappella; għall-manutenzjoni tagħha, bħalma huwa li jinxtegħel il-lampier, tiġi pprovduta kull ħaġa meħtieġa għas-servizz ta' l-artal tal-kappella msemmija; ħalla wkoll tliet mitt skud biex min jieħu ħsieb il-kappella jkun jista' jiddisponi minnhom għal dan l-għan.[28]

3. Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu meqjuma fil-knisja tagħha fil-Belt Valletta, darba mxettla f'Malta sa mill-aħħar deċenni tas-seklu sittax, il-Patrijiet Karmelitani ħasbu, sa minn din l-epoka, li jsaħħuha fost id-devoti tagħha billi ddeċidew li kull nhar ta' Erbgħa jesponu s-Santissimu Sagrament u jqaddsu quddiesa kantata bl-orgni u bis-sehem tad-djaknu u tas-sudjaknu.

Imqanqal minn ġibda ta' mħabba sinċiera lejn dan il-kunvent u għad-devozzjoni tiegħu lejn l-Imqaddsa Verġni Marija tal-Karmelu, il-**Kavallier ta' l-Ordni Ġerosolimitan ta' San Ġwann Battista, Fra(ter) Francesco Silos, tal-lingwa Taljana** u maġġordomo tal-Gran Mastru Nikola Cotoner, ħaseb li jagħti sehmu biex din id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u lejn il-Madonna Protettriċi tad-devoti tal-Labtu Mqaddes Karmelitan, tibqa' soda maż-żmien, iddeċieda li jħalli 500 skud sabiex dawn iż-żewġ devozzjonijiet jibqgħu jsiru f'din il-knisja.[29]

Fl-atti notarili miktuba minn Pietro Fiore nhar il-25 ta' Novembru 1631 grupp ta' mastrudaxxi wrew ix-xewqa tagħhom li jwaqqfu fratellanza taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp. Biex iwettqu dan l-għan talbu lill-aħwa Sinjuri Eleonora u Francesca Palladi u lin-neputija tagħhom, il-patruni tal-kappella ddedikata lil San Ġużepp li tinsab fil-knisja konventwali tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, sabiex jogħġobhom jikkonċedu lill-imsemmija mastrudaxxi jagħmlu użu mill-kappella tagħhom u fiha jwaqqfu l-Fratellanza ta' San Ġużepp. Is-Sinjuri Palladi, bil-ħsieb li d-devozzjoni lejn dan il-qaddis tibqa' tithares u mit-tajjeb tmur għall-aħjar, laqgħu l-proposta skond il-kundizzjonijiet li għamlulhom. Min-naħa tagħha l-Komunità Karmelitana tat, nhar it-28 ta' Frar 1632, bil-miktub, il-kunsens tagħha sabiex il-majestranza tal-mastrudaxxi twaqqaf il-Fratellanza ta' San Ġużepp u jagħmlu użu mill-kappella ddedikata lilu u li tinsab fil-knisja konventwali ta' l-istess komunità.[30]

Ftit inqas minn ħamsin sena wara mit-twaqqif ta' din il-Fratellanza Ġużeppina, eżattament nhar is-6 ta' Ġunju 1675, **il-Kommendatur Fra(ter) Claudio Gaspare de la Ricciadera Kavallier ta' San Ġwann** u membru tal-Lingwa ta' Alvernja, għadda somma ta' tmenin skud lill-Vigarju Provinċjali Patri Pietru Grech u lill-Patrijiet tal-Komunità Karmelitana tal-Belt Valletta bl-obbligu li jqaddsu quddiesa letta fid-dsatax ta' kull xahar fil-kappella ta' San Ġużepp li tinsab fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu.[31]

## Epìlogu

Jirriżulta, mid-deskrizzjoni storika li ngħatat, illi r-relazzjonijiet ibbażati fuq iċ-ċelebrazzjonijiet tal-professjonijiet tal-Kavallieri ta' San Ġwann fil-knejjes Karmelitani fil-Belt Valletta, mis-sena 1586 'il quddiem bdew jonqsu sa ma nqatgħu għal kollox fl-aħħar snin tal-Gran Masgru Nikol Cotoner (1663-80). Dan l-avveniment diġà ġie trattat u ngħatat raġuni għaliex seta' seħħ.[32]

Proprju f'dan iż-żmien fih il-kavallieri ma baqgħux jagħmlu użu, fis-sens imfisser, mill-knisja tal-Madonna tal-Karmnu, nassistu għat-tkattir tad-devozzjoni lejn l-Imqaddsa Verġni Marija ta' l-Iskapular Karmelitan f'din il-knisja min-naħa tal-poplu nisrani Malti.

Ir-reliġjużi Karmelitani Maltin ċertament jiffurmaw parti sħiħa mill-Ordni mxerred f'diversi nazzjonijiet. Ir-rabtiet li l-Karmelitani Maltin kellhom sa minn qabel is-sena 1417 ma' ħuthom Karmelitani, l-aktar dawk ta' Sqallija, sfaw ta' mezz qaddis biex daħal fil-kunventi Karmelitani Maltin dak li l-Ordni Karmelitan kien ikun għaddej minnu. Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' l-Iskapular Karmelitan bid-dritt kollu titqies bħala wieħed mill-effetti ta' din ir-rabta fraterna bejn iż-żewġ gżejjer – Malta u Sqallija. Fis-seklu ħmistax u sittax l-Ordni Karmelitan ħadem bis-sħiħ sabiex ixerred u jsaħħaħ id-devozzjoni marjana, l-aktar permezz tal-Labtu Mqaddes, l-ewwel fost ir-reliġjużi tiegħu u permezz tagħhom, fost il-fidili.[33]

F'Malta, il-Patrijiet Karmelitani, hekk kif ġew joqogħdu fil-belt kapitali l-ġdida, ħadu ħsieb li jwaqqfu t-Terz Ordni Karmelitan. Fis-17 ta' Settembru 1582, l-Isqof ta' Malta Monsinjur Gargallo offra lill-patrijiet tagħna l-knisja tal-Madonna ta' Monserrat fil-Birgu; għaliex ħafna Terzjarji nisa Karmelitani stqarru li sabu diffikultà li jmorru kmieni fil-Belt il-Ġdida (Valletta), li hija l-eqreb knisja Karmelitana

għalihom, sabiex jirċievu s-sagramenti.[34]

Diversi atti nutarili, fid-deskrizzjoni tagħhom dwar l-istat tal-persuni testatriċi, jgħidulna li diversi minnhom huma membri tat-Terz Ordni Karmelian.[35]

Fis-sena 1608 is-sinjura Jacobina Vergotti, f'testment tagħha quddiem in-Nutar Grima, ordnat li jitqaddsu żewġ quddisiet mal-mejtin waħda nhar ta' Erbgħa u l-oħra nhar ta' Sibt, u jridu jkunu ċċelebrati fuq l-artal maġġur tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta.[36] Hekk ukoll: il-Komunità Karmelitana tal-Belt irċeviet somma flus għal żewġ quddisiet fuq l-artal ta' Santa Marija tal-Karmelu.[37]

Malli din il-knisja tlestiet (fis-sena 1586) bdiet tkun iffrekwentata mill-insara b'għadd dejjem jikber maż-żieda fil-bini ta' djar fil-Belt il-Ġdida. Sa mis-sena 1622, data li fiha twaqqfet il-Fratellanza tal-Karmnu, bdiet tinżamm purċissjoni tal-Madonna mill-istess sodalità Karmelitana. *Għall-ewwel il-purċissjoni ma tantx kienet twila, billi kienet l-ewwel purċissjoni fil-belt kapitali li kienet għadha qed tinbena.*[38]

Fis-16 ta' Mejju 1642, il-fratelli tal-Madonna tal-Karmnu talbu lill-Patrijiet Karmelitani biex jagħtuhom permess ħalli jkabbru l-oratorju li fih kellhom *effigie della Madonna santissima del Carmine*. Tkabbir li rawh meħtieġ minħabba li l-għadd ta' devoti jinvistaw lill-Madonna kien qiegħed jikber kuljum.[39]

Il-knejjes Karmelitani – l-Oratorju tal-Lunzjata u l-knisja tal-Karmnu (mibnija fuq pjanta ta' Ġlormu Cassar) matul il-perjodu ta' snin 1570-1680, qatt ma naqsu jkunu postijiet sagri jiġbdu lejhom lill-insara, sew bħala parruċċani u sew bħala membri ta' l-Ordni ta' San Ġwann Battista, kif ukoll bħala persuni nsara ta' kull stat, devoti tal-Madonna tal-Karmnu. Passat ta' devozzjoni marjana li għandu jqawwi fina l-heġġa li nibqgħu ngħożżu dan il-wirt ta' devozzjoni sinċiera u ħajja lejn il-Madonna ta' l-Iskapular Karmelitan.[40]

**Riferenzi u Noti:**

1 Arkivju Librerija Nazzjonali; liber 139; fll.85 sq.;
Ara wkoll: *Documentary Sources of the Vatican Congregazione Vescovi Regolari nella visita apostolica di Mons. Pietro Dusina 1575*. Edited by George Aquilina OFM and Stanley Fiorini. MUP 2001.

2 • Il-Knisja Karmelitana bdiet titnuża, u allura diġà kienet mibnija, ta' l-inqas fl-istruttura fundamentali tagħha sa mit-2 ta' Frar 1586. Ara wkoll paġna 8-9.
• Arkivju Kunvent Karmelitani Valletta (AKKV) Gabreo A; fl.183 v=r: "L-imsemmija testatriċi Faustina Riva, nhar it-28 ta' Jannar 1588, ħalliet lill-imsemmi kunvent Karmelitan mibni fil-Belt Valletta, ħames skudi bħala ħlas għad-difna fil-knisja tal-Karmelitani, maġenb il-qabar ta' oħtha li fih l-istess trid li tindifen.
• F'testment bid-data tas-16 ta' Awissu 1590, is-Sinjura Gensimina Calleja ħalliet lill-kunvent tal-Karmelitani Valletta, għoxrin skud bl-obbligu li jiġu ċċelebrati żewġ quddisiet kull xahar u għal dejjem fl-artal ta' l-Imqaddsa Verġni Marija mqiegħed fil-knisja ta' l-istess kunvent. (Gabreo A; fl.184 r+v).

3 Ara l-artiklu tiegħu *Il-Karmelitani f'Malta* stampat fil-ħarġa tal-ktejjeb *Mitt Sena mill-Inkurunazzjoni 1881-1981*, pp.35-6.

4 *The Knights of St. John in Malta* by Simon Mercieca. E.B. Bonecchi 2005; Chapter1 *The Origins of the Knights of St. John* pp.8-12.

5 *Storia Ecclesiastica di Malta* Parte Quinta; p.17.
Ara wkoll: *A Short History of the Knights of St. John of Jerusalem, of Rhodes and Malta*. (Illustrated) by Hannibal Scicluna, Malta 1970; ib. Chapter III *Different Classes of Members of the Order*, pp.12-14.

6 Liber Bullarum; National Libr. Arkivju 433, fl.278.
G. Bosio: *Dell'Istoria della Sacra Religione ed Ill.ma Militia di San Giovanni Gerosolimitano*.
Napoli 1684. *Entrata Solenne nella città Valletta del G.M. Pietro del Monte*, p.871E; p.872 A, B, C, D, E; p.873 A.

7 L-atti oriġinali u ż-żewġ digrieti riferiti hawnhekk, jinsabu fl-Arkivju Librerija Nazzjonali *Atti Notarili tal-Gvern*, Reg.4, p.331. Kopja awtentika tagħhom tinsab fil-Gabreo A pp.1-4 AKKV.

8 F'kuntratt tat-2 ta' Frar 1576 jingħad li l-kunvent, fil-Belt Valletta, fih joqogħdu Patrijiet Karmelitani nbena ftit tas-snin ilu (nuper fundatum) espressjoni tagħtik x'tifhem li dan il-kunvent tlesta fis-sena 1572 (Gabreo A; fl.181 r.). B'konferma ta' dan, nirreferi għal dak li P. Romeo Grech O. Carm. niżżel fil-ktejjeb tiegħu: *Il-Bażilka Santwarju Madonna tal-Karmnu fir-Raba Mitt Sena mit-Twaqqif Tagħha: 1570-1970*. F'paġna 20 jiċċita dokumenti konservati fl-Arkivju tal-Katidral Imdina MS 1,67; pp.767-825, fejn jirriżulta illi l-ewwel tliet kappillani, mibgħuta mill-Kapitluu tal-Katidral biex iwettqu pastorali/parrokkjali fl-oratorju Karmelitan tal-Lunzjata Valletta, sa mis-sena 1570 kienu joqogħdu fil-kunvent u l-ħamsa l-oħra ta' warajhom għammru f'dar tal-Patrijiet Karmelitani fi Triq San Mikiel (Punent).

9 Liber Conciliorum L.N. Ark.439, fl.270.

10 Ibidem.

11 Liber Bullarum; Ark.439, fl.270 Librerija Nazzjonali.

12 Arkivju tal-Katidral Imdina: Giornale della Santa Chiesa Cattedrale (1551-1600); Tomus II; Mans.167, p.549: iċċitat minn P. R. Grech O. Carm., fil-*Bażilka Santwarju tal-Karmnu...*, pp.7-8.

13 Ara paġni 8-9 ta' dan l-artiklu.

14 Gabreo A; fl.183 r.

15 Gabreo A; fl.183 v.

16 Gabreo A; fl.184 r+v.

17 Ara riferenza numru 8.

18 Il-lista tal-kavallieri, membri ta' l-Ordni Ġerosolimitan Ospedalier ta' San Ġwann Battista, f'Malta li pprofessaw fl-oratorju tal-Lunzjata u wara fil-knisja tal-Karmnu, hija meħuda minn diversi *Libri Bullarum* konservati fl-Arkivju tal-Librerija Nazzjonali numerati minn 433 sa numru 484.

19 Ara riferenza numru 2.

20 *Il-Bażilka Santwarju tal-Karmnu...*, p.20.

21 *The Hidden Gem: St. Paul's Shipwreck Collegiate Church Valletta Malta* by Canon John Ciarlo, 1993, p.3.

22 Dwar xi tagħrif fuq il-knisja konventwali ta' San Ġwann, il-knisja ta' Santa Katarina Verġni u Martri, ta' San Ġakbru Appostlu u tal-Madonna tal-Pilar ara fost oħrajn –
(i) *Il Maggior Tempio di San Giovanni Battista in Malta gia chiesa conventuale del Sovrano militare Ordine Gerosolimitano* fil-ktieb *Storia Ecclesiatica di Malta* ta' Mons. A. Ferris, pp.8-108; ukoll il-ktieb tiegħu *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*. Malta 1866;
Għall-knisja ta' San Ġakbu: ib. p.178; Knisja ta' Santa Katarina V.M. ib. p.200; għall-Knisja tal-Pilar: ib. p.202 sq.
Ara wkoll: *Catalogue of the Records of the Order of St. John of Jerusalem in the National Library of Malta; Vol. XIII; archives 1852-1953. The Coereminiale and the Kalendarium. Culto e devozione dei Cavallieri di*

*Malta*. Introduction and Transcription by Giovanni Scarabelli. University of Malta. Rome Author 2004.
*Testo del Liber Quartus: relazione delle chiese della sagra Religione Gerosolimitana; Cap XXX*;
La chiesa di Santa Catarina V.M. della veneranda Lingua d'Italia; pp.763-65; la chiesa della Madonna del Pilar: appartenente alla veneranda Castellania d'Emposte: pp.765-66; la chiesa di S. Giacomo Apostolo del venerando priorato di Castiglia: pp.767-69.
Ara wkoll: *Brief Historical Notes on some smaller churches in Valletta* by Michael Galea; Malta, 1972. St. Catharine: pp.23-8; of the Pilar: pp.29-34; of St. James: pp.35-40.

[23] Gabreo A; fl.275 r.

[24] Gabreo A; fl.255 r.

[25] *Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu*, P.L. Sammut, p.60.

[26] ib. p.59.

[27] ib. pp.42-44.

[28] Gabreo A; fl.206 r+v.

[29] Gabreo A; fl.199 r.

[30] Gabreo A; fl.257 sq.

[31] Gabreo A; fl.208 v.; fl.277 r.
Ara wkoll: *It-Twaqqif ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fis-Santwarju Bażilka tal-Karmnu Valletta*, P. V. Borg Gusman O.C., pp.7-113 fil-programm tal-festa tal-Karmnu Valletta 1997.
Ara wkoll: *Histories of Malta – Versions and Diversions*, Vol. 3. *The Maltese Carpenters Guild of 1633*, pp.60-68 by Giovanni Bonello, 2002.

[32] Ara p. 11 ta' dan l-artiklu.

[33] *La Dimensione Marina del Carmelo*, Vol. I e II; Roma 1989. *La presenza di Maria nella storia del Carmelo* di P. Emanuele Boaga O. Carm. fil-ktieb: *Maria Icona della tenerezza del Padre*, Ed. Augustinus, Palermo, 1992.

[34] *L-Ewwel Karmelitani f'Malta*. Il-Lunzjata l-Qadima 1418-1659, P. Serafim Abela O.C., p.49.

[35] Gabreo A; fl.4 r. bid-data 8 ta' Novembru 1582; ib. fl.183 iddatat 17 ta' Ottubru 1580; ib. fl.207 r. bid-data 20 ta' Diċembru 1595; ib. fl.10 r. fl-4 ta' Lulju 1596; ib. fl.247 r., bid-data ta' l-4 ta' Jannar 1649.

[36] Gabreo A; fl-208 r.

[37] ib. fl.209 r; fl.192 v.; ib. 192 r.

[38] *Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu*, P.L. Sammut, p.154.

[39] Gabreo A; fl.53 v.; fl.155 r.
Ara wkoll: *Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu*, pp.163-4.

[40] *Espressioni Principali di Pietà Popolare Mariana Carmelitana*, Padre Ludovico Saggi O. Carm. fil-ktieb: *La Dimensione Mariana nel Carmelo*, Roma, 1989, pp.7-87.

Ranieri
Restaurant & Cafeteria
Pizza, Pasta, Grills & Specialities
39, Republic Street, Valletta
Tel: 2124 9063